MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 1093/2002/1

**Louis u Josephine konjugi Farrugia**

**vs**

**Noel Verzin**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' April 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elf, mitejn u hamsin lira Maltin (Lm1250.00) rapprezentanti somma flus mislufa lill-konvenut, liema self ma jirrrizultax minn att pubbliku.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kummercjali minn Ottubru tal-1999 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma hija dovuta l-ebda somma lill-attur u dan kif jigi pruvat aktar fid-dettal waqt il-mori tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-attur Louis Farrugia u tal-konvenut Noel Verzin. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont mitlub mill-atturi jirrigwarda somma li huma sellfu lill-konvenut. Il-konvenut cahad li l-atturi qatt selfuh xi flus. Mill-provi rrizulta li l-konvenut kien impjegat bhala skrivan mal-atturi fl-intrapriza taghhom bl-isem ta' Dolphin Forge. L-attur, Louis Farrugia, xehed li madwar tlett snin ilu huwa kien sellef lill-konvenut is-somma ta' Lm1,250.00 minghajr interessi sabiex jghinu u dan peress li l-istess konvenut kellu hafna problemi rigwardanti l-vettura tieghu. L-attur xehed ukoll li ma saret ebda skrittura bejn il-partijiet rigwardanti dan is-self ta' flus. Mill-ittra esibita a fol. numru 10 tal-process jirrzulta li meta fl-20 ta' Awissu 1999 l-konvenut irrezenja mill-impjieg tieghu mal-atturi dawn tal-ahhar talbuh ihallashom l-ammont misluf lilu u li huwa naqas mill-jeffetwa l-pagament relattiv sallum.

Illi l-konvenut fix-xhieda tieghu jichad kategorikament li l-atturi qatt selfuh xi flus. It-Tribunal huwa ghalhekk rinfaccjat b'zewg verzjonijiet kontradittorji. Dan it-Tribunal kellu l-opportunita' jisma' lill-attur u l-konvenut jixhdu 'viva voce' u jinsab moralment konvint li l-atturi rnexxilhom jippruvaw soddisfacentement it-talba taghhom. Il-konvenut ma kienx konvincenti fix-xhieda tieghu specjalment meta spjega c-cirkostanzi tarr-rizenja tieghu mill-impjieg mal-atturi u n-nuqqasa tad-'data' eletronika appartenenti lill-atturi mill-kompjuter tal-konvenut fuq il-post tax-xoghol. Fin-nuqqas ta' skrittura 'ad hoc' bejn il-partijiet, it-Tribunal kien rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn kellu jiddeciedi min mill-partijiet kien qed jghid il-verita'. Kif diga' ntqal aktar il-fuq huwa ghazel li jemmen il-verzjoni moghtija mill-atturi. Irid jinghad li n-nuqqas ta' skrittura fir-rigward tas-self in kwistjoni kienet xelta pjuttost infelici izda c-cirkostanzi tal-kaz, u cioe' l-fatt li l-konvenut kien impjegat mal-atturi u l-fatt li is-self relattiv sar bla interessi, jindikaaw li kien hemm relazzjoni ta' fiducja bejn l-'employer' u l-impjegat

fejn l-'employer' ghazel li jghin lill-impjegat f'mument ta' bzonn.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf, mitejn u hamsin lira Maltin (Lm1,250.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------